MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1213/1999/1

**Linda Conroy**

**vs**

**Tubeline Limited u l-istess Tubeline Limited bhala agenti f'Malta ta' Delamode International**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet :-

Peress illi l-attrici impurtat erbghin (40) packages household effects mill-Ingilterra li waslu Malta f'container numru HLCU 4590832 fuq il-vapur MMV Kirshima fit-3 ta' Gunju 1998;

Illi meta dawn l-effetti waslu Malta u gew konsenjati lill-attrici rrizulta li kien fihom hafna hsarat;

Illi ghal dawn il-hsarat kienu responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

Illi d-danni sofferti mill-attrici jammontaw ghal tlett elef erba’ mija u tletin lira maltija (Lm3430);

Illi ghalhekk interpellati biex ihallsu d-danni sofferti, l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici tablet li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, reponsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attrici f’konsenja ta’ erbghin package household goods li waslu Malta fit-3 ta’ Gunju 1999;

2. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu s-somma ta’ tlett elf erba’ mija u tletin lira maltija (Lm3430) in linea ta’ danni sofferti mill-attrici;

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta’ Jannar 1999, u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Tubeline Limited proprio fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi s-socjeta konvenuta proprio ma hijiex responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti mill-attrici u konsegwentement ghandha tigi mehlusa mill-obbligu tal-hlas ta' danni konsegwenzjali stante illi:-

1. hija ma hix l-agenta f'Malta ta' Delamode International ta' l-Ingilterra;

2. hija ma kienetx il-persuna responsabbli mill-ippakkjar, garr, tragitt, trasport u twassil tal-merkanzija ta' l-istess attrici mid-dar taghha fl-Ingilterra sal-port ta' Malta stante illi ma kienetx gietx imqabbda mill-attrici jew minn terzi persuni sabiex taghmel dan;

3. hija kienet responsabbli mill-garr ta' l-istess merkanzija mill-mument tar-rilaxx taghhom mill-Awtoritajiet Doganali tal-Port sad-destinazzjoni taghhom f'Malta u f'dan l-istadju l-oggetti ma saritilhom ebda hsara; fil-fatt minn spezzjoni ta' impjegati ta' Tubeline Limitesd kien irrizulta li f'dan l-istadju tar-rilaxx kien hemm xi oggetti danneggjati;

4. l-allegati hsarat ma sehhehewx minhabba negligenza, imprudenza, azzjoni jew omissjoni tas-socjeta konvenuta jew ta' xi impjegat jew diependent taghha jew ta' xi persuna ohra imqabbda minnha;

5. minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati mill-attrici huma esagerati u fi kwalunkwe kaz ir-responsabbilta' ghall-hlas tad-danni tas-socjeta konvenuta hija limitata skond it-termini u l-kundizzjonijiet accettati mill-attrici ghas-servizzi resi mis-socjeta konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta propio debitament konfermata bil-gurament u l-luista tax-xhieda tal-istess socjeta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta bhala agenti f'Malta ta' Delamode International fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi s-socjeta konvenuta nomine ma hijiex responsabbli ghall-hsarat allegatemnent sofferti mill-attrici u konsegwentement ghandha tigi mehlusa mill-obbligu tal-hlas ta' danni konsegewnzjali stante illi:-

1. preliminarjament hija ma hix l-agenta f'Malta ta' Delamode International ta' l-Ingilterra;

2. fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegati hsarat ma sehhewx minhabba neligenza, imprudenza, azzjoni jew omissjoni tas-socjeta attrici nomine jew ta' xi impjegat jew dipendent taghha;

3. fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati mill-attrici huma esagerati;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta nomine debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attrici u lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta nomine;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta propio;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Permezz ta din ic-citazzjoni l-attrici Linda Conroy qed tipprocedi kontra s-socjeta Tubeline Limited kemm f'isimha propju kif ukoll bhala agenti f'Malta tad-ditta estera Delamode International. L-attrici tippremetti li kienet gabet mill-Ingilterra diversi effetti personali taghha konsistenti f'"household effects" li waslu Malta fit-3 ta' Gunju 1998 f'container fuq il-vapur MMV Kirshima. Meta dawn l-effetti gew konsenjati lill-attrici nstab li kien fihom hafna hsarat. L-attrici ssostni li l-konvenuti, jew minn minnhom, huma responsabbli ghal dawn il-hsarat. L-attrici kkwantifikat dawn id-danni ghall-ammont ta' tlett elef erba' mija u tletin lira maltija (Lm3430). Ghalhekk l-attrici, fost affarijiet ohra qed titlob li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kundannati jhallsu l-imsemmija somma in linea ta' danni;

Is-socjeta konvenuta proprio teccepixxi li hi mhux l-agent f'Malta ta' Delamode International ta' l-Ingilterra u li hi ma kinitx responsabbli ghall-ippakkjar, garr, tragitt, trasport u twassil tal-merkanzija in kwestjoni mid-dar tal-attrici fl-Ingilterra sal-port ta' Malta u ma kienitx giet imqabbda sabiex taghmel dan. L-istess socjeta konvenuta propio teccepixxi inoltre li hi kienet responsabbli ghall-garr tal-merkanzija mill-mument tar-rilaxx mill-Awtoritajiet Doganali tal-Port ta' Malta sad-destinazzjoni tal-merkanzija f'Malta u f'dan l-istadju ma saret l-ebda hsara lill-merkanzija. Inoltre teccepixxi li l-allegati hsarat ma sehhewx b'tort taghha jew ta' xi impjegat jew diependent

taghha jew ta' xi persuna ohra imqabbda minnha. Finalment l-istess socjeta konvenuta teccepixxi li fi kwalunkwe kas id-danni li qed jigu reklamati mill-attrici huma esagerati u inoltre r-responsabbilta' tas-socjeta konvenuta hi limitata;

Is-socjeta konvenuta bhala agenti f'Malta ta' Delamode International teccepixxi preliminarjament hi mhux l-agent f'Malta ta' Delamode International ta' l-Ingilterra. Inoltre teccepixxi li hi mhux responsabbli ghall-allegati hsarat u lanqas ma sehhew minhabba l-agir ta' xi impjegat jew dipendent taghha. Fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati mill-attrici huma esagerati;

Jirrizulta li l-attrici inkarigat lis-socjeta konvenuta Tubeline proprio sabiex din tiehu hsieb iggorr xi effetti personali tal-istess attrici minn l-Ingilterra ghall-Malta. Ghalhekk il-ftehim rilevanti sabiex dawn l-effetti personali jingiebu Malta sar esklusivament bejn l-attrici u l-imsemmija socjeta konvenuta proprio. Din is-socjeta' konvenuta, da parti taghha, setghet inkarigat ohrajn jew terzi sabiex jiehdu hsieb xi parti tat-traggitt ta' dawn l-effetti personali mill-post ta' origini sad-destinazzjoni. Versu l-attrici, pero', dejjem tibqa responsabbli s-socjeta konvenuta proprio. In effett jirrizulta li s-socjeta konvenuta kellha diversi offerti ghar-rigward tal-garr tal-merkanzija fir-Renju Unit u l-istess socjeta konvenuta wahedha, u cioe' minnghajr ebda intervent da part tal-attrici, ghazlet dik id-ditta estera, li skond hi ghamlet l-ahjar offerta. Is-socjeta konvenuta semplicement ghaddiet l-isem ta' din id-ditta lill-attrici sabiex isiru xi arrangamenti dwar il-garr tal-effetti in kwestjoni. Ma jirrizultax li kien hemm xi relazzjoni ta' negozju bejn l-attrici u din id-ditta estera;

Id-direttur manigerjali tas-socjeta konvenuta, li appuntu n-negozju principali taghha huwa l-garr ta' merkanzija minn pajjiz ghall-iehor, donnu qed isostni li la darba l-attrici

accettat l-offerta li kienet ghamlet l-istess socjeta' konvenuta u la darba l-attrici kkomunikat mad-ditta estera, li s-socjeta konvenuta kienet qed tirrakkomanda, konsegwentement kien hemm relazzjoni diretta bejn l-attrici u l-istess ditta estera. L-istess direttur isostni li l-involviment tas-socjeta' konvenuta kien limitat li jinstab "shipper" esteru, li l-merkanzija tigi sdoganata hawn Malta u li l-istess merkanzija tingarr mid-dwana ta' Malta u tigi konsenjata lill-attrici. Il-rizultanzi jindikaw proprju l-oppost, u cioe' li s-socjeta konvenuta proprio esklusvament assumiet l-inkariku u l-obbligu versu l-attrici li l-effetti personali taghha jingarru mill-Ingilterra ghall-Malta. Ghalhekk l-istess socjeta konvenuta proprio hi unikament responsabbli ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam mat-trasport in kwestjoni;

Jirrizulta li l-attrici stess ippakkjat l-effetti taghha fil-kartuniet, izda kienet is-socjeta konvenuta jew ir-rappresentanti taghha li kienu responsabbli sabiex l-istess kartuniet jitqieghdu fil-container. Jirrizulta pero' ukoll li l-attrici ma nghatat l-ebda istruzzjonijiet kif kellu jsir l-ippakkjar. F'dan ir-rigward l-inqas li setghet tghamel is-socjeta konvenuta, jew ir-rappresentanti taghha, huwa li tghati tali istruzzjonijiet. Mill-esperjenza taghha s-socjeta konvenuta kienet taf li l-ippakkjar kellu isir b'mod li jassikura lanqas hsarat waqt it-traggitt u ghalhekk kellu jsir b'mod ghaqli u sistematiku. Ghalhekk f'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta naqset li tghamel il-minimu ta' dak li seta kien rikjest minnha;

Jirrizulta li uhud mill-effetti trasportati garbu hsarat estensivi ma tul it-traggitt. Dawn l-oggetti kienu bicciet ta' ghamara bhal "wall unit", "fire-place" u l-mejda tal-ikel u "white goods" bhal "cooker", il-forn u l-"washing machine". Jidher li dawn il-hsarat kienu dovuti ghall-mod kif ll-istess oggetti kienu gew stivati fil-container peress li ma ntuza xejn biex jorbot l-oggetti. Il-container kien fih merkanzija ohra apparti l-effetti tal-attrici u jirrizulta li anke din il-merkanzija ohra garbet hsarat;

Fid-dawl ta dan kollu jirrizulta sufficjentement ippruvat li s-socjeta konvenuta propio esklusivament hi responsabbli

ghall-hsarat kollha li sofriet l-attrici fl-effetti personli taghha meta dawn ingiebu mill-Ingilterra ghall-Malta;

L-attrici ppresentat dokument fejn elenkat dawn il-hsarat kollha u tat il-valuri relattivi. F'dan ir-rigward issir referenza ghad-dokument a fol.29 minn fejn jirrizulta li l-hsarat in kwestjoni gew kalkolati li jammontaw ghas-somma komplessiva ta' tlett elef erba' mija u tletin lira maltija (Lm3430). L-attrici stess, pero', tghid li dawn il-valuri jirrefereu ghall-oggetti in kwestjoni meta dawn kienu ghadhom godda, mentri in effett meta ngarrbu l-hsarat dawn l-istess oggetti kienu oggetti usati. In vista ta' dan il-fatt u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghalhekk id-danni sofferti mill-attrici ser jigu likwidati "arbitrio boni viri". F'dan ir-rigward, ghal finijiet tal-likwidazzjoni, hu ragjonevoli u opportun, li titnaqqas hamsin fil-mija (50%) mis-somma indikata ta' Lm3430. Ghalhekk id-danni sofferti mill-attrici qed jigu likwidati "arbitrio boni viri" fis-somma ta' elf seba mija u hmistax il-liri maltin (Lm1715);

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront biss tas-socjeta' konvenuta proprio. L-istess talbiet ma jirrizultawx sufficjentement pruvati fil-konfront tas-socjeta konvenuta bhala agenti f'Malta ta' Delamode International;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok ticad it-talbiet kollha attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta bhala agenti f'Malta ta' Delamode International u billi fit-tieni lok tilqa l-istess talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' kovenuta Tubeline Limited proprio u ghalhekk tiddikjara li s-socjeta konvenuta Tubeline Limited proprio reponsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attrici f'konsenja ta' "household goods" li waslu Malta fit-3 ta' Gunju 1999 u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta proprio li thallas lill-attrici is-somma ta' elf seba mija u hmistax il-liri maltin (Lm1715) in linea ta' danni li gew likwidati "arbitrio boni viri" u dana bl-

imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn l-attrici u s-socjeta konvenuta propio.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------